**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 13 ta' Lulju 2022**

**Rikors Numru: 344/2021 MLF**

**BNF Bank plc gja Banif Bank (Malta) plc**

**vs**

**Jason Mangion**

Il-Qorti

1. Rat ir-rikors ta' BNF Bank plc gja Banif Bank (Malta) plc fejn talab li l-konvenut jigi ikkundannat ihallasha s-somma ta' tmint'elef, hames mija u wiehed u erbghin Euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€8,541.24), rapprezentanti ammont dovut minnu fuq il-kontijiet tieghu mal-kumpannija attrici u specifikament kif ser jinghad hawn taht:

   Fuq il-Loan Account numru 186465 71 001 li ghandu mal-kumpanija attrici, hemm dovut, in kwantu l-Business Loan koncessa lilu ai termini tal-Credit Agreement datat 18 ta' Gunju 2013 (Dok.A mar-rikors promotur), l-ammont ta' tmint elef, erba mija u disgha u tmenin Euro u disgha u sebghin centezmu (€8,489.79) u sat-22 ta' Novembru 2021, tali ammont kien jinkludi tlett elef seba mija u sebghin Euro u disghin centezmu (€3,770.90) f'imghaxijiet (ara l-istatement Bankarju markat Dok.B)

Fuq il-Current account numru 186465 10 001 li ghandu mal-kumpannija attrici (ara l-formola tal-applikazzjoni markata Dok. C) hemm dovut l-ammont ta' wiehed u hamsin Euro u hamsa u erbghin centezmu (€51.45) u sat-22 ta' Novembru 2021 tali ammont kien jinkludi wiehed u tletin centezmu (€0.31) f'imghaxijiet (ara l-istatement Bankarju markat Dok D)

Dan l-ammont jikkoncerna bank charges relatati mal-ammont dovut fuq il-Loan Account.

L-ammont mitlub f'din il-kawza sar dovut kollu lill-kumpannija attrici ai termini tal-Artikolu 8(L) tal-Credit Loan Agreement marbut mal-Loan Account u dan ghax skond l-istess Credit Agreement, sehhew wahda jew aktar mill-events of default, partikolarment, izda mhux esklussivament:

a) Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility.

b) the Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,

n) Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility.

Illi l-kumpannija attrici ittentat tinterpellah diversi drabi biex ihallasha l-ammont minnu dovut, fosthom permezz t'ittra legali datata 19 ta' Mejju 2016 u ittra ufficjali mahruga ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-numru 1666/2016 li baqghet mhux notifikata (ara Dok. E u Dok. F rispettivament) izda hu baqa inadempjenti u ghalhekk dejnu ghadu ma thallasx u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi r-rapprezentanti tal-kumpannija attrici jafu b'dawn il-fatti personalment.

Bl-imghaxijiet mit-22 ta' Novembru 2021 sad-data tal-hlas effettiv u kif ukoll kwalsiasi charges u fees dovuti minhabba dejnu u dan kollu skond kif jinghad fil-Credit Agreement fuq imsemmu u markat Dok A u skond it-Tarriff of Charges relattivi (ara Dok G) kwantu l-Loan Account u t-Terms and Conditions u t-Tariff of Charges (ara Dok. H u Dok. I rispettivament) kwantu l-Current Account. L-imghaxijet jinhadmu skond ir-rata kummercjali tal-Bank kif miftiehem mieghu, ossija bir-rata ta' hdax fil-mija (11%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq il-Loan Account (ara klawsoli 5 u 8 (L) tal-Credit Agreement markat Dok. A u msemmi aktar l'fuq) u bir-rata ta' ghaxra fil-mija (10%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq il-Current Account (ara marker bl-ahdar fuq Dok. I gja msemmi)

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali u l-ittra ufficjali fuq imsemmija.

2. Rat li fit-12 ta' Lulju 2022 giet pprezentata nota li biha l-konvenut ammetta t-talbiet attrici kif dedotti.

3. Rat l-atti kollha tal-kawza, u d-dokumenti ezebiti.

**Konkluzjoni**

4. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmint'elef, hames mija u wiehed u erbghin Euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€8,541.24), bl-imghaxijiet mit-22 ta' Novembru 2021 sad-data tal-hlas effettiv u kif ukoll kwalsiasi charges u fees dovuti minhabba dejnu u dan kollu skond kif jinghad fil-Credit Agreement iffirmat bejn il-partijiet fit-18 ta' Gunju 2013 (Dok A mar-rikors promotur) u skond it-Tarriff of Charges relattivi (Dok G mar-rikors promottur) kwantu l-Loan Account u t-Terms and Conditions u t-Tariff of Charges (Dok. H u Dok. I mar-rikors promotur) kwantu l-Current Account. L-imghaxijiet ghandhom jinhadmu skond ir-rata kummercjali miftiehma bejn il-partijiet, ossija bir-rata ta' hdax fil-mija (11%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq il-Loan Account (skond Dok A anness mar-rikors promotur) u bir-

rata ta' ghaxra fil-mija (10%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq il-Current Account (skond Dok I mar-rikors promotur), u dan sad-data tal-pagament effettiv.

5. L-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, inkluz dawk tal-ittra legali datata 19 ta' Mejju 2016 u l-ittra ufficjali bin-numru 1666/2016 mahruga ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu subiti mill-konvenut.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**